Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, id-19 ta' Frar 2024**

**Distrett Valletta**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Michael Vella)**

**Versus**

**Niko Zammit**
**(170193M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Niko Zammit**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 170193M.

Akkuzat talli nhar il-21 ta' Novembru 2020, ghall-habta tad-disgha ta' filghodu (09:00 hrs) u l-ghaxra ta' filghodu (10:00hrs), gewwa l-istabbiliment tal-hwejjeg bl-isem "Pull and Bear", sitwat gewwa Triq Santa Lucija, Valletta u f'dawn il-Gzejjer Maltin,

1. Ikkommetta serq ta' qmis ghad-dannu tad-diretturi tal-kumpanija bl-isem Caran Trading Ltd u /jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 285 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' liberazzjoni kondizzjonata ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenza inghatat mill-Magistrat Dr J. Mifsud LL.D. nhar il-21 ta' Frar 2020, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat Niko Zammit bhala li sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2022, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8, 31, 49, 50, 285 u 289 tal-Kapitolu 9, kif ukoll Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Niko Zammit hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih** u qed **tikkundannah ghal tnax-il xahar (12) prigunerijja effettiva.**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**